MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013

Numru. 376/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Carol Fabri**

**vs**

**Raphael Falzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raphael Falzon ta’ 61 sena, iben il-mejjet Vincent u Carmela xebba Scicluna, mwieled il-Hamrun nhar is-17 ta’ Gunju 1950 u residenti 129, Triq Salvu Psaila, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 532950(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-5 ta’ Jannar, 2012 u fil-granet u xhur qabel u wara gewwa B’Kara u gewwa dawn il-Gzejjer :-

1. Ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn document falz cioe licenzja ta' vettura bin-numru TOP 616 tal-ghamla Ford Escort;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn document falz cioe licenzja ta' vettura bin-numru LCU 007 tal-ghamla Honda Accord;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra u cioe' IAM 416 minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita' u cioe' LCU 007dwar xi vetturi bil-mutur;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu vetturi bil-mutur u cioe' Ford Escort u Honda Accord fit-triq kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' u mgedda kull sena;

6. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi bhala sid tal-vetturi Ford Escort minghajr licenzja bin-numru ta' registrazzjoni TOP 616 u Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni LCU 007 naqas milli jara li dawk il-vetturi jkollhom dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Awtorita'.

7. Kkommetta reat waqt sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. nhar is-27 ta' April, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

8. Il-Qorti kienet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' April 2012 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-4 ta' Ottubru 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ammissjoni bikrija kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 17 u 28A sa H u 49 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 (1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 14(1) u 15(1) tal-Avviz Legali 474/2004 l-Qorti ssib lill-imputat

hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, l-Qorti testendi l-perijodu operattiv indikat fis-sentenza moghtija fil-konfronti tal-imputat fis-27 ta' April 2010 jigi estiz ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------